Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Luke Bonello]

vs

Clifford Bugeja

Kumpilazzjoni Numru: 1038/14

Illum, 24 ta' Gunju, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Clifford Bugeja detentur tal-karta tal-identita` numru 339395M akkuzat talli nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Dicembru elfejn u tlettax (2013) ghall-habta ta' 05:00am, gewwa San Giljan:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Ramon Bezzina f'periklu car, ikkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura gravi.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba li biex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Ramon Bezzina ai termini tal-Artikolu 383 et sequitur tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuza kif dedotta kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali (a fol. 12) datata tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn ta l-awtorizzazzjoni tieghu kif ukoll il-kunsens tal-imputat (a fol. 15) sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda netta;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti u l-istqarrija tal-imputat;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq glieda li sehhet fid-29 ta' Dicembru 2013, San Giljan, bejn l-imputat Clifford Bugeja u l-parte civile Ramon Bezzina fejn il-parte civile allegatament garrab griehi gravi.

Illi fl-istqarrija tieghu, l-imputat **Clifford Bugeja** stqarr illi huwa jahdem bhala '*security'* gewwa l-istabbiliment bl-isem ta' '*Havana'* u qal illi dakinhar tad-29 ta' Dicembru 2013, ghall-habta tal-hamsa ta' filghodu (05:00) huwa kien qieghed waqt xoghlu hekk kif tfajla fi stat ta' sokor hebbet ghalih. Jghid ukoll illi sieheb it-tfajla tah xi daqqiet f'wiccu u fil-kustilji. Huwa jghid illi hekk kif irnexxielu johroghom barra mill-istabbiliment, huwa ta daqqa wahda lil sieheb it-tfajla (Ramon Bezzina), b'dan illi ma jafx fejn kien laqtu. L-imputat jghid illi huwa mar jaghmel certifikat tal-griehi li kien sofra u qal lill-Pulizija li jrid jiehu passi kontra Ramon

Bezzina. Ix-xhud stqarr illi huwa qatt ma tressaq il-Qorti qabel dan l-incident u lill-parte civile ma kienx jafu. L-imputat kien iffirma dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghall-parir legali li gie esebit a fol. 7 tal-process.

Illi xehed it-tabib **Dr. Owen Mifsud** fejn ikkonferma c-certifikat mediku li jinsab esebit a fol. 8 tal-process fejn Ramon Bezzina gie ccertifikat li sofra minn griehi gravi. Fl-istess certifikat it-tabib nizzel li kien hemm ksur fl-imnieher pero` mill-X Ray mehud Mater Dei rrizulta li ma kienx hemm ksur. It-tabib xorta qal li huwa kien tal-opinjoni li kien hemm ksur. Ix-xhud ipprezenta dokument mill-Isptar Mater Dei li ma kienx hemm ksur- Dok. OM a fol. 23. Ix-xhud qal ukoll illi r-raguni li l-griehi kienu ta' natura gravi hija ghaliex Ramon Bezzina kellu bzonn il-punti fuq in-naha tal-lemin tal-wicc. Waqt is-seduta x-xhud ra l-ferita li garrab il-parte civile fuq wiccu fejn kellu bzonn zewg punti u qal illi din il-ferita ghalkemm ghadha tidher trid taraha b'certa attenzjoni.

Illi in kontroezami, Dr. Owen Mifsud spjega illi l-*injury* inkwistjoni hija l-istess wahda fejn kellhom isiru l-punti fuq wicc Ramon Bezzina. Jikkonferma illi kien huwa stess li ghamel iz-zewg punti fuq il-wicc tal-parte civile, izda jippreciza illi ma kienx hu li nehha l-istess punti.

Illi xehed il-parte civile **Ramon Bezzina** fejn gharaf l-imputat fl-awla. Ix-xhud spjega illi l-imputat kien qabad u waddab lill-habibtu Yanika Debattista mal-art bl-intenzjoni li jkecciha l-barra. Hekk kif ix-xhud kien fit-tarag tal-isabbiliment huwa gie mwissi sabiex jitlaq u hekk kif kien niezel it-tarag sab lill-imputat ma' wiccu u tah daqqa ta' hadida tal-ponn. Ix-xhud qal illi rrikorra gewwa klinika f'Birkirkara minhabba d-daqqa li kellu taht ghajnejh il-leminija, b'dan illi sarulu wkoll xi punti li tnehhew wara gimgha. Ix-xhud qal illi fil-hin tal-incident kien hemm ukoll il-habib tieghu, Kevin Tonna. Ix-xhud ippreciza illi minkejja li Yanika Debattista kienet taht l-effett tal-alkahol, din ma bdiet iddejjaq lil hadd ghajr li bdiet ticcajta ftit mal-imputat u siehbu. Ix-xhud jghid illi hadd minn shabu m'attakka lill-*bouncer* (l-imputat) izda kien propju hu li attakkahom. Ix-

xhud jghid illi minbarra l-ferita li sofra f'wiccu kellu wkoll xi *swelling*. Huwa qal li minkejja li l-feriti kienu bdew ifiequ, huwa xorta kellu nefha f'ghajnejh b'dan illi ghamlet madwar xahar biex fieqet. Huwa qal li dan kollu kkawzalu tfixkil fil-lant lavorattiv tieghu ghaliex huwa jahdem fit-trabijiet u ghalhekk kien kostrett illi jilbes in-nuccali. Ix-xhud qal illi dan l-incident sehh ghall-habta tal-erbgha u nofs u l-hamsa ta' filghodu. Qal ukoll illi huwa flimkien ma' shabu kienu opponew xi ftit rezistenza ghall-imgieba tal-imputat izda jipreciza illi huma ma kkawzalu l-ebda griehi. Ix-xhud ghalaq billi qal li kien hemm tnejn izommuh u wiehed itih f'rasu. Mistoqsi mill-Qorti min kien qed itih f'rasu, ix-xhud indika lill-imputat.

Xehed ukoll **Kevin Tonna** li qal li huwa habib ta' Ramon Bezzina. Qal li dakinhar tal-incident huwa flimkien ma' shabu Ramon Bezzina u Yanica Debattista kienu go bar f'Paceville. Huwa stqarr illi Yanica Debattista kienet xi ftit xurbana u ghalhekk poggiet fuq sufan fejn hekk kif mar l-imputat sabiex ikecciha 'l barra, hija waqghet mal-art. Fl-istess hin Ramon Bezzina qal lill-imputat sabiex jaghtiha ftit

cans ghaliex ma kinitix f'qaghda li ticcaqlaq malajr. Qal li dak il-hin gew zewg *bouncers* ohra apparti l-imputat fejn "*dan Clifford Bugeja tah xi daqqa.*" Din id-daqqa nghatat fuq wicc Ramon Bezzina. Ix-xhud ippreciza illi huwa assista di persona ghal dan l-incident. Ix-xhud qal ukoll illi huwa kien rega' mar 'l fuq fl-istabbiliment sabiex javza lil shabu l-ohra li kien sejjer u kif rega' nizel isfel sab lil Ramon Bezzina b'wiccu mimli demm.

Illi xehed l-**Ispettur Luke Bonello** fejn qal illi s-Surgent 1128 Glenn Sammut kien ghadda rapport li ghamel Ramon Bezzina dwar griehi ta' natura gravi fuq persuntu. Ix-xhud qal illi n-natura tal-griehi kienet giet ccertifikata bhala wahda 'gravi' a bazi tar-rapport mediku mahrug minn Dr. Owen Mifsud. Ix-xhud gharaf il-firma tieghu fuq l-istqarrija tal-imputat.

Illi xehdet **Yanika Debattista** fejn irrikonoxxiet l-imputat fl-awla. Qalet illi ftit qabel il-hin tal-incident, hija hassitha ma tiflahx u ghalhekk kellha tpoggi fuq sufan. Qalet li l-*bouncer* (l-imputat) qalilha biex tqum u fl-istess hin qabadha minn

spallitha u mbuttaha mal-art. Kompliet tghid illi Ramon Bezzina qal lill-imputat li ma kellux ghalfejn jaghmlilha hekk u minn hemm qamet konfuzjoni shiha bir-rizultat li Clifford Bugeja ta lil Ramon Bezzina daqqa go wiccu fejn Ramon spicca bi *black eye.* Fuq domanda tal-Qorti x-xhud qalet li dan sar quddiemha. Hija qalet li wara dan kollu marret 'l barra ma' Ramon izda ma marritx mieghu l-klinika. Ix-xhud ftakret li dan l-episodju gara fi zmien il-Milied pero` ma setghetx tifktakar id-data u s-sena.

Il-Qorti rat li fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) id-difiza ddikjarat li m'ghandhiex izjed provi xi tressaq.

Illi fl-ghaxra (10) ta' Gunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) Clifford Bugeja pprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, senjatament mix-xhieda tal-parte civile, dik ta' Yanika Debattista u anki dik ta'

Kevin Tonna, johrog b'mod inekwivoku li l-imputat effetivament ta lill-parte civile daqqa ta' ponn fuq wiccu. Fil-fatt ix-xhieda tal-parte civile hija kkorroborata bix-xhieda tal-hbieb tieghu Yanika Debattista u Kevin Tonna li kienu proprju xhieda okulari tal-akkadut stante li kienu prezenti waqt li nqalghet il-glieda.

Illi dan il-fatt gie anki kkonfermat mill-imputat innifsu waqt l-istqarrija tieghu li nghatat bis-solitu twissija u kawteli. Fl-istqarrija tieghu l-imputat qal car u tond li huwa tah daqqa wahda b'idejh izda ma kienx jaf fejn laqtu. Minkejja dan ix-xhieda okulari kienu cari fid-deposizzjoni taghhom fejn it-tnejn li huma qalu li raw lill-imputat jaghti daqqa fuq wicc Ramon Bezzina.

Illi fl-istqarrija tieghu l-imputat qal li Ramon Bezzina ghamel ghalih fejn tah xi daqqiet f'wiccu u anki fil-kustilji. Minkejja dan ma jirrizulta minn imkien mill-atti processwali li din id-daqqa nghatat in legittima difesa. Apparti minn hekk ix-xhieda okulari fl-ebda hin ma jsemmu li Ramon

Bezzina attakka lill-imputat. Ramon Bezzina stess jafferma illi huwa m'ghamel xejn lill-imputat.

Illi l-Qorti tinnota li l-imputat ma pproduca l-ebda prova in difiza u ghazel li ma jirribattix il-verzjoni tal-parte civile u lanqas dik tax-xhieda okulari. Tinnota wkoll li l-imputat ghazel li ma jtellax il-kollegi tieghu, iz-zewg *bouncers* l-ohra li jissemmew, sabiex jaghtu l-verzjoni taghhom.

Illi ghalhekk il-verzjoni tal-parte civile fl-ebda hin ma giet kontradetta.

Illi ghalhekk ukoll il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Illi dwar in-natura tal-griehi sofferti mill-parte civile, il-Qorti tinnota li qatt ma kien hemm ksur. Ghalkemm fuq ic-certifikat mediku t-tabib indika dan, id-dokument esebit a folio 23 tal-atti processwali jindika mod iehor. Minkejja dan jirrizulta li d-daqqa nghatat fuq il-wicc fejn il-parte civile kellu bzonn zewg punti.

Illi l-Qorti tinnota li fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2015, u cioe` kwazi sentejn mid-data inkriminata, it-tabib Dr. Owen Mifsud qal li l-ferita tal-parte civile ghadha tidher pero` meta mistoqsi mill-Qorti jekk tidhirx *from talking distance* huwa qal li ma tantx tidher u li wiehed irid jidhol jara b'certa attenzjoni. Ghalhekk ghalkemm ma gietx ippruvata l-permanenza tal-ferita oltre kull dubju dettat mir-raguni, il-Prosekuzzjoni xorta wahda rnexxielha tipprova li d-daqqa li tal-imputat lill-parte civile gab sfregju fuq wicc Ramon Bezzina liema sfregju jikkonsisti f'offiza ta' natura gravi.

Illi ai finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat illi l-imputat huwa *a first-time offender.*

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 216(1)(b) u 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Clifford Bugeja hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u tikkundannah ghall-piena ta' sena (1) prigunerija sospiza ghal sentejn (2).

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Clifford Bugeja l-ispjegazzjoni preskritta fl-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

_________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**